DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1846

tat-8 ta' Awwissu 2019

li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fl-istann użat f'ċerti magni b'kombustjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih ċerti sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dak ir-rekwiżit ma japplikax għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE.

(2) Il-kategoriji differenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(3) Iċ-ċomb hu sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE. Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni li saret f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2011/65/UE dwar eżenzjoni li għandha tiġi elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, għall-użu taċ-ċomb fl-istann tas-sensors, l-actuators u l-unitajiet ta' kontroll tal-magni li jintużaw biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw sistemi tal-magni, li jinkludu t-turbochargers u l-kontrolli tal-emissjonijiet tal-exhaust ta' magni b'kombustjoni interna użati f'tagħmir li mhuwiex maħsub biex jintuża biss mill-konsumaturi ("l-eżenzjoni mitluba").

(4) L-evalwazzjoni tal-eżenzjoni mitluba kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE.

(5) Kull magna fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mitluba hija mgħammra b'tipi speċifiċi ta' sensors, attwaturi u unitajiet ta' kontroll tal-magna li jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-emissjonijiet tagħha biex jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Il-kundizzjonijiet esperjenzati f'tali magna u sistema tal-exhaust u qribhom jistgħu jkunu daqstant severi f'termini ta' temperaturi u ta' livelli ta' vibrazzjoni elevati li jistgħu jikkawżaw falliment bikri tal-legaturi tal-istann.

(6) Attwalment, għall-applikazzjonijiet taċ-ċomb koperti mill-eżenzjoni mitluba, jenħtieġ żmien addizzjonali għall-ittestjar sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tas-sostituti disponibbli mingħajr ċomb.

(7) Minħabba n-nuqqas ta' sostituti affidabbli, is-sostituzzjoni jew l-eliminazzjoni taċ-ċomb għadha xjentifikament u teknikament imprattikabbli f'ċerti magni b'kombustjoni. L-eżenzjoni hija konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u għalhekk ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija minnu.

(8) Għalhekk, jixraq li tingħata l-eżenzjoni mitluba billi jiddaħħlu l-applikazzjonijiet koperti minnha fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE fir-rigward tat-tagħmir elettriku u elettroniku tal-kategorija 11 tal-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE.

(9) Jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għall-perjodu ta' validità massima ta' ħames snin li jibda mit-22 ta' Lulju 2019, f'konformità mal-Artikolu 4(3) u mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/65/UE. Fid-dawl tar-riżultati tal-isforzi għaddejjin biex tinsab sostituzzjoni affidabbli, aktarx li t-tul tal-eżenzjoni mhux se jħalli impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata skont dan,

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mi[nn] [l-aħħar jum tal-ħames xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mi[nn] [l-aħħar jum tal-ħames xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + 1 jum].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 44 li ġej:

"44	Iċ-ċomb fl-istann tas-sensors, l-actuators, u l-unitajiet ta' kontroll tal-magna ta' magni b'kombustjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) , installati f'tagħmir użat f'pożizzjonijiet fissi waqt li jkun qed jitħaddem li hu maħsub għall-professjonisti, iżda li jintuża wkoll minn utenti mhux professjonisti	Tapplika għall-kategorija 11 u tiskadi fil-21 ta' Lulju 2024.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE, (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53)."